27 MAY 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Rompeach

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 524**

**It-Tlieta 28 ta' April 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams* ~~fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar,~~ fis-6.25 ta' filgħaxija. (Emendati)

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 524.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

524.1.1 Ma kien hemm ħadd assenti.

## 524.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

524.2.1 Il-minuti tal-523 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna.

## 524.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

524.3.1 Is-Sindku tkellem dwar it-tpinġija li kienet qed issir fuq il-ħitan tat-Teatru Grieg u nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' tpinġija mistenni jitkompla fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku żied jgħid li minħabba s-sitwazzjoni preżenti dwar il-Covid 19, l-artist kien talab biex ipinġi faċċata mit-Teatru Grieg b'din it-tema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-artist ipinġi faċċata mit-Teatru Grieg bit-tema relatata mal-Covid 19.

524.3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jissottometti l-applikazzjonijiet sabiex jinbidlu l-*bus shelters*, fosthom l-applikazzjoni tal-*bus shelter* li hemm fi Triq Wied il-Għajn bl-isem 'Ħamra'. Is-Sindku żied jgħid li kien ser isir eżerċizzju sabiex jiġu identifikati l-*bus shelters* li għandhom bżonn jinbidlu.

524.3.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fil-leġislatura preċedenti l-Kunsill kien iddeċieda li l-*bus stop* bl-isem "Santwarju" għandu jitressaq għal quddiem il-ħanut tal-*mobiles* biex jitnaqqas it-traffiku fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'sar minn dan il-proġett. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin għandu jiltaqa' mal-Perit il-ġdid tal-Kunsill u qal illi fost affarijiet oħra kien ser jiddiskuti dan il-proġett.

524.3.4 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet f'hix kien wasal il-proċess sabiex jitwaħħal il-*bus shelter* fi Triq Villabate bl-isem 'tal-Plier'. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien issottometta d-dokumenti neċessarji u x-xogħol fuq dan il-*bus shelter* mistenni jibda fl-iqsar żmien possibbli mill-kumpanija *Faces*.

524.3.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-kampanja Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (14 ta' Ġunju), inizjattiva biex jinħoloq iktar għarfien dwar is-sinjifikat ta' dan il-Jum u apprezzament lejn id-donaturi tad-demm, billi jixgħel il-faċċata tal-Kunsill bl-aħmar matul ix-xahar ta' Ġunju.

524.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni taħt l-iskema ta' finanzjament għall-benessere taż-żgħażagħ *Achievers 2019* ma kinitx ġietx milqugħa.

524.3.7 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura EBU706 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €85 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta. [1]

524.3.8 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura HBO272 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €50 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas- Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta. [2]

524.3.9 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura CCA204 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €125 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta. [3]

524.3.10 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura IAI218 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kapuċċini, fejn talab kumpens ta' €94 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta. [4]

524.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-avukat tal-kumpanija *Parker Randell Turner* dwar kontijiet pendenti u nfurmat lill-Kunsillieri preżenti li skont ir-*records* irriżulta li l-ammont ta' €542.80 kienu diġa mħallsa fis-snin li għaddew u li l-ammont ta' €177 biss kienu dovuti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ammont ta' €177.

524.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva d-deċiżjoni finali mingħand iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta (M5491/2018) li saret b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas mis-Sur Matthew Galea relatata mal-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu fi Triq iċ-Ċimiterju kantuniera ma' Triq il-Fiġel, Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ċaħad t-talbiet rikorrenti peress illi l-inċident tat-traffiku seħħ minħabba li r-rikorrent baqa' hiereġ minn ġo triq sekondarja għal ġo triq prinċipali mingħajr ma żamm *a proper look out* u għalhekk l-artbitru ordna li dawn l-ispejjeż m'għandhomx jitħallsu mill-Kunsill.

524.3.13 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva sabiex issir oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/02422/20 għal bidla fl-użu ta' ħanut minn

pastizzeria għal *take away*. Il-Viċi Sindku staqsiet liema kien dan il-ħanut. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-ħanut huwa magħluq u qatt ma kien ħanut tal-ikel. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li dan il-ħanut fil-passat kien ħanut li jsewwi t-*televisions* u li qatt ma kien hemm ħanut tal-ikel. Is-Sindku qal illi dan is-sit kien qiegħed f'żona ta' żvilupp u d-deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorità tittieħed skont il-kriterji applikabbli u fil-parametri tal-liġi. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'jista' jsir f'każ li r-residenti jilmentaw dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li r-residenti jistgħu joġġezzjonaw direttament mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

524.3.14 Is-Sindku qal illi fil-jiem li ġejjin kien ser jiltaqa' mal-Viċi Sindku sabiex flimkien jibdew jiddiskutu l-proġett ta' tisbiħ fis-*soft areas* u tiġi sottomessa applikazzjoni ffinanzjata minn Fondi Ewropej amministrati mill-GAL Xlokk, Miżura 4 – Żvilupp ta' Infrastruttura Ekoloġika.

524.3.15 Is-Sindku tkellem dwar is-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 3. *Promotional of the Cultural Heritage* u qal illi kienet ser toħroġ it-tieni sejħa fil-ġimgħat li ġejjin. Peress li l-applikazzjoni kienet tinvolvi ħafna preparamenti u l-Kunsill kien qed japplika għal ħafna proġetti fl-istess ħin, is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jipprova jissottometti applikazzjoni sabiex isiru tabelli t'informazzjoni li jindikaw il-postijiet storiċi fil-lokalità.

524.3.16 Is-Sindku talab sabiex jingħata isem uffiċjali għal trejqa li hemm fi Trejqet Wied ta' Mazza, magħrufa bħala Sqaq il-Ħofra. Is-Sindku ppropona li dan l-isqaq jingħata l-isem 'Sqaq il-Ħofra'. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li f'Ħaż-Żabbar diġa kien hemm triq bl-isem Triq il-Ħofra u żiedet tgħid illi Sqaq il-Ħofra kien simili u wieħed jista' faċilment jitfixkel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex din it-trejqa tingħata l-isem 'Trejqet Wied ta' Mazza, Sqaq il-Ħofra.'

524.3.17 Is-Sindku rrefera għall-ilment mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar talba biex fi Triq Biċċieni, fil-viċinanzi tal-forn, isiru *yellow lines* minħabba li t-triq hija dejqa u kienu qed jiġu pparkjati vetturi bil-konsegwenza li jingħalaq l-aċċess tat-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet aċċettata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex isiru d-*double line* kif mitlub.

524.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħlijiet fi Trejqet Wied ta' Mazza u fi Triq ix-Xgħajra kienu ġew imwaqqfa temporanjament minħabba li kienet saret ripatrijazzjoni tal-ħaddiema peress illi kienu ta' nazzjonalità barranija.

524.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Transport Malta kienet ser tagħmel xogħol ta' manutenzjoni ta' tabelli u marki tal-karreġġjata fil-lokalità. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill, bi qbil mal-kumpanija *Ozo Group*, kien qiegħed jibbenefika minn servizz ta' 35 ħaddiem u li kienu qed jagħmlu xogħol volontarju fil-lokalità. Is-Sindku qal

illi dawn il-haddiema nghataw b'kordinazzjoni mal-Onorevoli Miriam Dalli u l-Onorevoli Clayton Bartolo ~~Barbara~~. Is-Sindku qal ukoll illi kien ghaddej f'komunikat mas-Sur Joseph Vella u mal-Onoroveli Edward Żammit Lewis sabiex jintbghatu grupp ta' haddiema ohra fil-futur viċin. Is-Sindku żied jghid li permezz ta' dawn il-haddiema kien sar xoghol ta' manutenzjoni tal-marki tal-karreġjata u tindif f'diversi żoni fil-lokalità. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex jibghatu jinfurmaw lilu jew lill-Kaptan Patrick Barbara f'każ li jkun hemm bżonn ta' tindif f'xi żona partikolari. (Emendati)

524.3.20 Is-Sindku tkellem dwar il-fond li hemm disponibbli mill-Aġenzija LESA relatat ma' attivitajiet u inizzjattivi kulturali u soċjali u li ghalih il-Kunsill kien applika sabiex isir xoghol ta' restawr. Is-Sindku qal li x-xoghol ta' restawr fuq dawn in-niċeċ kien beda u żied jghid li kien ser jibqa' xi fondi li setghu jiġu utilizzati ghal iktar restawr. Is-Sindku ppropona biex permezz ta' dan il-fond il-Kunsill jaghmel ukoll ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li qieghda fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Kbira, kif ukoll restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li qeghdin fi Triq is-Santwarju . Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jaghmel xoghol ta' restawr fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja u tan-niċċa ta' San Pietru u San Pawl f'każ li fondi tal-LESA ma jkunux ġew utilizzati kollha. Is-Sindku qal illi hemm il-hsieb li x-xoghol ta' restawr jitlesta sal-ahhar ta' Mejju u ghall-inawgurazzjoni jiġu mistiedna l-Onorevoli Josè Herrera, il-Ministru responsabbli ghall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, is-Sur Mario Fava President tal-Assoċjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali u l-Kap Eżekuttiv tal-LESA.

524.3.21 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Sur Joseph Vella ġiet diskussa l-possibilità li tiġi organizzata serata ta' kant u divertiment biex iferrhu lin-nies minn ġewwa djarhom. Is-Sindku qal illi kien hemm il-hsieb li jkun hemm vann b'żewġ kantanti ikantaw diski Maltin flimkien ma' maskaruni li jkunu qed iduru t-toroq tal-lokalità. Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri qalet li kien hemm min organizza xi haġa simili u ġie mwaqqaf mill-pulizija. Is-Sur Joseph Vella qal illi f'każ li jkun hemm xi residenti li jilmentaw mid-daqq tal-mużika, il-vann irid iwaqqaf id-daqq u l-kant minn dik it-triq. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri sabiex imorru bil-vettura taghhom ukoll. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività u li l-ispiża relatata tkun tammonta ghal €1,000 VAT inkluż. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet sabiex matul din l-attività l-vann ta' divertiment idur f'kull żona f'Haż-Żabbar.

**524.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

524.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**524.5 *Bus shelter* 'Maġġi'**

524.5.1 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva dwar rijallokazzjoni ta' *bus shelter* bl-isem 'Maġġi' li hemm fi Triq Wied il-Ghajn kantuniera ma' Triq Has-Sajjied peress illi

fil-passat kien ġie nstallat fl-għalqa tagħha. Is-Sindku żied jgħid li sid l-għalqa kienet qed tagħti l-kunsens tagħha biex il-*bus shelter* bl-isem 'Maġġi' jiġi nstallat ftit metri bogħod minn fejn jinsab eżistenti u kif indikat mis-sid fl-istess għalqa. Is-Sindku semma l-ħtieġa li dan il-*bus shelter* jinbidel peress illi kien perikoluż. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex il-*bus shelter* jiġi rijallokat ftit metri 'l bogħod minn fejn jinsab bħalissa.

**524.6 *Bring in sites* u skips**

524.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li kien ressaq id-deċiżjoni uffiċjali tal-Kunsill sabiex jiġu rijallokati l-*IBINS*, il-kumpanija *Greenpak* kienet oġġezzjonat u sal llum l-*IBINS* ma ġewx riallokati kif mitlub. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb permezz tal-avukat lill-kumpanija *Greenpak* sabiex tmexxi l-*IBINS* kif mitlub. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi l-*IBINS* kienu qed jintużaw ħażin u saħaq li dawn għandhom jiġu riallokati fuq talba tar-residenti stess. Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri staqsiet x'raġuni kienet ingħatat mill-kumpanija *Greenpak*. Is-Sindku qal li l-punti li ġew preżentati mill-kumpanija *Greenpak* kienu li xi wħud miż-żoni ndikati mill-Kunsill ma kinux mixgħula kif suppost, ma kienx hemm biżżejjed residenzi fil-madwar u li fiż-żona ndikata jsir parkeġġ ta' vetturi kbar li faċilment jista' jagħlaq l-aċċess biex l-*IBINS* jiġu mbattla b'mod regolari.

524.6.2 Is-Is-Sindku qal illi kien qed jirċievi diversi talbiet mir-residenti li joqgħodu fi Triq iċ-Ċimiterju sabiex jitneħħew l-iskips peress illi kienu qed jintużaw ħażin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jneħħi dawn l-iskips.

**524.7 Applikazzjoni tal-*Bring in Sites* fiż-Żona tal-Fatah**

524.7.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni PA 3682/19 tal-proġett tal-*bring in sites* fiż-żona tal-Fatah u ppropona sabiex il-Kunsill iwaqqa' l-applikazzjoni qabel ma' l-*case officer* iħejji r-rapport sabiex b'hekk il-Kunsill jieħu lura ħamsin fil-mija (50%) tal-fondi li ġew imħallsa mal-applikazzjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-Kunsill kien diġa ħa d-deċiżjoni li jwaqqa' din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li kien qed jgħaddiha Kunsill peress illi mhux kull Kunsillier kien bagħat ir-risposta tiegħu permezz tal-*email*. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jwaqqa' l-applikazzjoni numru PA 3682/19.

524.7.2 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

**524.8 Devoluzzjoni tal-ħanut numru 1 fiċ-Ċentru Ċiviku**

524.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li fil-leġislatura preċedenti kienet saret talba sabiex issir devoluzzjoni tal-ħanut numru 1 fiċ-Ċentru Ċiviku sabiex jintuża miċ-Ċentru Leap u qal li l-Kunsill ġie mistoqsi mil-*Lands Authority* jekk il-Kunsill

ghadux interessat f'dan is-sit sabiex jiġi devolut lilu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel it-talba għall-amministrazzjoni tal-ħanut numru 1, fiċ-Ċentru Ċiviku.

**524.9 *Road humps* f'Ħaż-Żabbar**

524.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi t-talba sabiex titwaħħal *road hump* fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate kienet qed tiġi proċessata.

524.9.2 Is-Sindku tkellem dwar it-talba li kienet tressqet mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri fil-laqgħa preċedenti sabiex titneħħa *road hump* minn Triq Spadaro. Il-Viċi Sindku qalet li hija wkoll kienet bagħatet *email* sabiex din ir-*road hump* titneħħa. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jneħħi din *ir-road hump*.

524.9.3 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir *road hump* fil-parti d-dejqa ta' Triq G Agius Muscat qabel ma toħroġ għal Triq Bajada. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex meta jresqu talba sabiex issir *road hump* tinġieb l-approvazzjoni tar-residenti. Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-parti tat-triq fejn qed jitlob li ssir ir-*road hump* ma joqgħod ħadd. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Agius sabiex iġib l-indirizz eżatt ta' fejn qed jitlob li ssir din ir-*road hump*.

524.9.4 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mir-residenti li joqgħodu fi Triq iċ-Ċimiterju sabiex titneħħa ir-*road hump* li hemm fil-viċinanzi tas-*substation* minħabba problema ta' għargħar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li din ir-*road hump* titneħħa.

524.9.5 Is-Sindku qal illi wara diversi diskussjonijiet flimkien mas-Segretarjat Parlamentari l-Onorevoli Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u l-Kostruzzjoni, kien inbeda x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku.

**524.10 Vetturi kbar fi Triq Santa Duminka**

524.10.1 Is-Sindku tkellem dwar ilmenti li l-Kunsill kien irċieva minħabba l-problema li hemm fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka peress illi kienu qed jgħaddu l-vetturi kbar minn din it-triq u mhux l-ewwel darba li ntlaqtet xi gallarija. Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir infurzar lokali peress illi din il-parti tat-triq ma tiflaħx vetturi kbar. Is-Sur Joseph Agius reġa' talab sabiex titwaħħal CCTV camera sabiex isir infurzat lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex tiġi mwaħħla tabella ta' *height restriction*.

524.10.2 Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-toroq sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-vetturi l-kbar fi Triq Santa Duminka.

Il-Kaptan Barbara talab li għal-laqgħa mal-Ministru għandhom jattendu l-membri kollha tal-Kunsill.

**524.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

524.11.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Marzu 2020 u t-28 t'April 2020 li kienet tammonta għal €38,674.30.

524.11.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2020 li kien jammonta għal €73.50.

524.11.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mas-Sur Joseph Agius, il-Kunsillier responsabbli miż-żona St Peter, ġiet diskussa l-possibilità li jsir proġett ta' tisbiħ fil-bandli li hemm fi Ġnien il-Mistrieħ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jibdel it-tagħmir tal-logħob tal-bandli ta' Ġnien il-Mistrieħ permezz tal-*Planning Funds*. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir bandla għall-persuni b'diżabilità.

524.11.4 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill illi x-xogħol tal-installazzjoni tal-apparat tas-sistema t'irrigazzjoni fi Ġnien il-Mistrieħ kien twaħħal.

**524.12 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- Xiri ta' Vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020)

524.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għax-xiri ta' vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020) u qalet illi kienet ġiet sottomessa offerta waħda. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li l-offerta ma kinitx teknikament tajba u kienet għola mill-valur stmat. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u ma jaċċettax din l-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien ser jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

524.12.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li terġa tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara vann tal-Kunsill.

- Servizz ta' knis u qtugh ta' haxix f'toroq urbani (ZLC 1/2020)

524.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat ir-rapport li thejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi ghas-servizz ta' knis u qtugh ta' haxix f'toroq urbani (ZLC 1/2020) u qalet illi kienu ġew sottomessi sitt offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li hames offerti ma kinux teknikament tajba. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien hemm offerta wahda biss li kienet valida, iżda l-valur kien ghola minn kemm jiġi allokat mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku żied jghid li jekk il-Kunsill jaċċetta din l-offerta, id-differenza fil-valur trid titnaqqas minn vot iehor. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax din l-offerta peress illi l-valur kien ghola minn dak stmat u minn dak allokat mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

524.12.4 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' johroġ sejha ghall-offerti ghall-knis u qtugh ta' haxix f'toroq urbani.

524.12.5 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex sakemm jintemm il-proċess tal-offerti ghas-servizz ta' knis u qtugh ta' haxix f'toroq urbani, il-Kunsill ikompli juża s-servizz tas-Sur David Grech li kien lest li joffri dan is-servizz ghall-prezz ta' €4,950, eskluż il-vat, fix-xahar.

**524.13 Tweġibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

524.13.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex titwahhal mera fi Triq Sant' Antnin faċċata ta' Triq Spadaro biex min ikun fi Triq Spadaro jara min ikun ġej minn Triq Sant' Antnin minn naha ta' Triq Villabate.

524.13.2 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex il-Kunsill isib soluzzjoni ghall-kwantità ta' ilma tax-xita li waqt u wara kull maltempata kien qed ikun hemm f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-hanut tal-laham. Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li jsir kanal biex jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel fil-viċinanzi tal-hanut laham f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi u jiġi devjat ghal ġewwa l-kanal li hemm fil-viċinanzi tas-Sala Raghaj it-Tajjeb.

524.13.3 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex id-dawra tal-Monument tal-Gwerra li hemm f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi tiċkien peress illi kien qed jinholoq konġezzjoni tat-traffiku kull meta tieqaf il-karozza tal-linja

524.13.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir laqgha mal-Perit il-ġdid tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li tiġi spustjata ~~ssir~~ iż-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. (Emendati)

524.13.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ser inaqqas il-vot tal-kultura. Is-Sindku qal illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti dwar il-Covid 19, l-attivitajiet kulturali kienu tħassru kollha. Flimkien mas-Sur Joseph Vella kienet ser issir laqgħa mal-għaqdiet lokali sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet kulturali. Is-Sindku żied jgħid li d-deċiżjonijiet finali kienu ser jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

524.13.6 Is-Sinjura Anna Camilleri staqsiet jekk kienx beda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini kienu qed isiru permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk u żied jgħid li bħalissa kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina li hemm fi Triq Santa Tereża kantuniera ma' Triq l-Iskola.

524.13.7 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi huwa kien talab li ssir bankina fi Triq il-Vittorja.

524.13.8 Il-Viċi Sindku talbet lis-Sindku jinforma lill-Kunsill liema bankini kienu ser isiru.

524.13.9 Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina fi Triq il-Kapuċċini fil-parti fejn il-Kunsill kien irċieva talba għall-ħlas minħabba allegat inċident. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-bankina kienet ser titwessa tul t-triq kollha peress illi ma kinitx aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

524.13.10 Il-Viċi Sindku talbet lis-Sindku jibgħat permezz ta' *email* lista ta' bankini li ser ikun qed isir xogħol ta' manutenzjoni, skont l-ordni ta' kif ser isiru. Il-Viċi Sindku qalet li kellha bżonn din l-informazzjoni biex tkun tista' tinforma lir-residenti meta jistaqsu dwar il-manutenzjoni tal-bankini. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq il-lista tal-bankini sabiex tiġi approvata mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku staqsiet kif kienu qed isiru dawn il-bankini jekk il-lista kienet għada ma tressqitx quddiem il-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fuq dawn il-bankini kien ta' natura urġenti minħabba li kienu ta' periklu għall-*pedestrians* u ma kinux aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

524.13.11 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-membri tal-Kunsill ikollhom programm tax-xogħlijiet tal-bankini. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq il-lista għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

524.13.12 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser jingħabar il-ħġieġ fl-1 ta' Mejju peress illi kienet festa. Il-Kaptan Patrick Barbara wieġeb fl-affermattiv.

524.13.13 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi l-kuntrattur tal-iskart kien qed igeddeż il-boroż tal-iskart fil-kantunieri. Il-Kaptan Patrick Barbara reġa' talab sabiex jitqassmu ittri lir-residenti li joqgħodu fi Triq ir-Redentur sabiex iżommu l-borża tal-iskart wara l-bieb tar-residenza tagħhom, u sabiex jitwaħlu tabelli biex ma jintremiex skart fil-kantuniera.

524.13.14 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*ground* tas-St Patrick. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ż-*zebra crossing* kienet ġiet approvata imma t-triq ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sur

Angelo Scicluna staqsa meta kienet ser issir din iż-*zebra crossing*. Is-Sindku qal li ma kellux din l-informazzjoni.

524.13.15 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi fi Triq is-Santwarju kien hemm ħanut tal-laħam u kien qed jiżgombra l-bankina bil-kaxxi tal-kartun bil-konsegwenza li r-residenti kien qed ikollhom jinżlu taħt il-bankina.

524.13.16 Is-Sindku qal illi l-iskart kummerċjali għandu jinġabar privatament u mhux mill-istess kuntrattur tagħna kif fil-fatt ġieli kien qed isir u żied jgħid li huwa diġà kien tkellem mas-sidien tal-ħwienet dwar dan. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li flimkien mal-Kaptan Patrick Barbara kien qed jiddiskuti l-possibiltà li ssir *byelaw* sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob il-ħlas lill-ħwienet biex jiġbor l-iskart kummerċjali bil-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob parir legali dwar dan.

524.13.17 Is-Sur Angelo Scicluna talab sabiex il-Kunsill iressaq l-ilment lill-pulizija sabiex dan l-abbuż jinqata' u s-sidien tal-ħwienet ma jibqgħux jingumbraw il-bankini bl-iskart tagħhom.

524.13.18 Is-Sur Joseph Agius talab li titwaħħal tabella tal-konfini fi Triq San Ġużepp peress illi kienet inqgħalet.

524.13.19 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva minn residenti li joqgħodu fi fi Triq Wied il-Għajn, fil-viċinanzi tal-Għajn tal-Bhejjem, dwar problema fid-drenaġġ. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Triq Wied il-Għajn, minn fejn il-monument ta' Agatha Barbara sal-konfini ta' Ħaż-Żabbar, kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali u kienu ser jinbidlu s-servizzi.

524.13.20 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qed jirċievi diversi lmenti dwar ir-*road humps* li hemm fi Triq Alessio Erardi. Is-Sindku qal illi fi Triq Alessio Erardi kien hemm problema ta' sewqan eċċessiv. Is-Sur Vella semma l-ħtieġa sabiex waħda mir-*road humps* titbaxxa.

524.13.21 Is-Sur Joseph Vella qal illi matul il-leġislatura preċedenti l-Kunsill kien ġab il-permessi neċessarji sabiex issir iż-*zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick. Peress li l-grawnd ma kienx qed ikun frekwentat minħabba s-sitwazzjoni preżenti, is-Sur Joseph Vella talab li l-Kunsill jagħmel pressjoni fuq Transport Malta sabiex issir il-kostruzzjoni tal-bankina kif ukoll iż-*zebra crossing* f'dawn iż-żminijiet. Dwar il-bankina ta' faċċata tal-grawnd tas-St Patrick, is-Sindku qal li kien infurmat li kien hemm min oġġezzjona sabiex ma ssirx il-bankina tul it-triq kollha. Is-Sur Angelo Scicluna saħaq li din il-bankina għandha ssir fl-iqsar żmien possibbli.

524.13.22 Il-Viċi Sindku qalet li kien sar xogħol ta' *resurfacing* fi Triq San Ġużepp, in-naħa taż-Żejtun, iżda l-ġnub tat-triq tħallew biż-żrar. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk fil-proġett kienx hemm inkluż il-kostruzzjoni tal-bankina. Is-Sindku qal illi kien

għaddej f'komunikat mal-entitajiet u huwa nfurmat li x-xogħlijiet f'din it-triq kienu ser isiru f-fażijiet differenti u li għad iridu jiġu approvati l-fondi qabel ma jitkompla l-fażi li jmiss. Is-Sindku qal illi huwa kien għamel pressjoni fuq Infrastructure Malta sabiex it-tarmak jingħata tul it-triq kollha peress illi x-xogħol ta' *resurfacing* kien ser isir fuq il-kanal biss. Barra minn hekk huwa żied jgħid li meta inqalgħet it-triq, il-pedamenti ma kienux sodi biżżejjed u minħabba f'hekk l-ispiża fuq il-proġett ġiet għola mill-valur stmat.

**524.14 Mozzjonijiet**

524.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**524.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

524.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju, 2020 fit-6.00 ta' filgħaxija.

524.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-525 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku